KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fil-21 ta' Lulju 2011 [1] [i]

Kawża C-405/10

Staatsanwaltschaft Karlsruhe
vs
QB

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Bruchsal (Il-Ġermanja)]

"Protezzjoni tal-ambjent – Regolament (KE) Nru 1013/2006 – Kontroll ta' vjeġġi ta' skart perikoluż u skart ieħor – Projbizzjoni ta' esportazzjoni ta' katalizzaturi lejn il-Libanu"

1. Din il-kawża tirrigwarda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 2006, dwar vjeġġi ta' skart [2], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 308/09, tal-15 ta' April 2009 [3].

2. Ir-Regolament Nru 1013/2006 jistabbilixxi proċeduri ta' sorveljanza u ta' kontroll ta' vjeġġi ta' skart perikoluż u skart ieħor bejn l-Istati Membri, kif ukoll bejn dawn tal-aħħar u l-Istati terzi.

3. B'mod partikolari, l-Artikolu 37 tar-Regolament Nru 1013/2006 jipprovdi proċedura ta' konsultazzjoni tal-Istati terzi sabiex jiddeterminaw l-intenzjonijiet tagħhom fir-rigward tat-trattament ta' ċertu skart. Għaldaqstant, dawn l-Istati għandhom il-possibbiltà li jagħżlu li jissuġġettaw l-iskart għal projbizzjoni ta' esportazzjoni fuq it-territorju tagħhom, li jipprovdu proċedura ta' notifika u ta' kunsens minn qabel bil-miktub jew inkella li ma jipprovdux proċedura ta' kontroll.

4. Wara r-risposti mogħtija mingħand l-imsemmija Stati, il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regolament (KE) Nru 1418/2007 [4] u stabbilixxiet klassifikazzjoni tal-iskart skont dawn ir-risposti. Minbarra t-tliet għażliet li kienu ġew proposti mill-Kummissjoni fir-Regolament Nru 1013/2006, din tal-aħħar żiedet ir-raba' possibbiltà ta' klassifikazzjoni, jiġifieri l-iffissar, għall-vjeġġ ta' dan l-iskart, ta' proċeduri oħra ta' kontroll li għandhom jiġu implementati skont id-dritt nazzjonali fl-Istat ta' destinazzjoni.

5. Għaldaqstant, f'dak li jikkonċerna l-Libanu, il-Kummissjoni kklassifikat l-iskart li jappartjeni għall-grupp ta' klassifikazzjoni B1120 fil-kolonni (a) u (d) tal-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007 li jikkorrispondu, rispettivament, għal projbizzjoni ta' esportazzjoni lejn il-Libanu u għall-iffissar ta' proċeduri ta' kontroll oħra mill-Istat ta' destinazzjoni.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU L 190, p. 1.

3 ĠU L 97, p. 8, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1013/2006"

4 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007, tad-29 ta' Novembru 2007, li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti intrakonfinali tal-iskart ma tapplikax (ĠU L 316, p. 6), kif emendat bir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 740/2008, tad-29 ta' Lulju 2008 (ĠU L 201, p. 36, iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Nru 1418/2007").

6. Hija din il-klassifikazzjoni doppja li hija s-suġġett ta' din il-kawża. L-Amtsgericht Bruchsal (il-Ġermanja) kellha dubji fir-rigward tal-interpretazzjoni li għandha tingħata minn din il-klassifikazzjoni. Hija tistaqsi, fil-fatt, jekk l-imsemmija klassifikazzjoni għandhiex l-effet li tipprojbixxi, purament u sempliċiment, l-esportazzjoni ta' skart tal-grupp B1120 lejn il-Libanu jew inkella jekk jipprovdi, xorta waħda, il-possibbiltà ta' esportazzjoni ta' dan l-iskart.

7. F'dawn il-konklużjonijiet, nispjega r-raġunijiet għalfejn jiena tal-fehma li l-Artikolu 37 tar-Regolament Nru 1013/2006, moqri flimkien mal-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-esportazzjoni tal-iskart tal-grupp B1120 lejn il-Libanu huwa pprojbit.

I – Il-kuntest ġuridiku

A – Il-Konvenzjoni ta' Basel

8. Il-Konvenzjoni dwar il-kontroll tal-movimenti li jaqsmu l-fruntieri tal-iskart ta' riskju u d-disponiment minnhom, ġiet iffirmata f'Basel fit-22 ta' Marzu 1989 u approvat f'isem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/98/KEE, tal-1 ta' Frar 1993 [5].

9. Il-Konvenzjoni ta' Basel għandha bħala għan li tikkontrolla, f'livell internazzjonali, il-ġestjoni tal-iskart perikoluż fir-rispett tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Hija intiża, b'mod partikolari, li tnaqqas l-ammont ta' movimenti transkonfinali ta' skart perikoluż u ta' skart ieħor.

10. Għaldaqstant, il-Preambolu ta' din il-konvenzjoni fl-ewwel, mis-sitt sat-tmien u l-għaxar premessa jipprovdi:

"Konxji mir-riskju tal-ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ikkażawti mill-iskart ta' riskju u skart ieħor u l-moviment li jaqsam l-fruntieri ta' dan l-iskart,

[…]

Filwaqt li jagħrfu bis-sħiħ illi kull Stat għandu d-dritt sovran li jipprojbixxi d-dħul jew id-disponiment mill-iskart ta' riskju u skart ieħor fit-territorju tiegħu,

Filwaqt li jagħrfu wkoll ix-xewqa li qiegħda tiżdid dwar il-projbizzjoni tal-movimenti li jaqsmu l-fruntieri ta' l-iskart ta' riskju u d-disponiment minnu fi Stati oħra, b'mod speċjali l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw,

Konvinti illi l-iskart ta' riskju u skart ieħor għandhom jiġu disponuti [eliminati] minnhom, safejn u sakemm huwa kompatibbli mal-ġestjoni soda u effiċjenti, fl-Istat fejn kienu ġġenerati,

[…]

Filwaqt li jikkunsidraw illi l-kontroll imtejjeb tal-moviment ta' l-iskart ta' riskju u ta' skart ieħor li jaqsam il-fruntieri jrid iservi bħala inċentiv għall-ġestjoni soda tagħhom dwar l-ambjent u għat-tnaqqis tal-volum ta' dan il-moviment li jaqsam il-fruntieri".

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11 Vol 18, p. 301, iktar 'il qudiem il-"Konvenzjoni ta' Basel".

11. L-imsemmija konvenzjoni tipprovdi wkoll klassifikazzjoni ta' skart skont il-periklu tiegħu. Skont l-Artikolu 1(1)(a) u (b), tal-Konvenzjoni ta' Basel, l-iskart li huwa elenkat fl-Anness I tagħha huwa kkunsidrat bħala skart perikoluż kif ukoll l-iskart li ma jidhirx f'din il-lista, iżda li huwa xorta waħda ddefinit jew ikkunsidrat bħala perikoluż permezz tal-leġiżlazzjoni interna tal-Istat li huwa parti f'esportazzjoni, f'importazzjoni jew fi vjeġġ.

12. Barra minn hekk, huwa indikat, fl-Anness I(a), ta' din il-konvenzjoni, li l-iskart elenkat fl-Anness IX tal-istess konvenzjoni ma huwiex ikkunsidrat bħala perikoluż fis-sens tal-Artikolu 1(a), tal-konvenzjoni.

13. Fost l-iskart elenkat fl-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basel jidhru il-katalizzaturi użati, mniżżla taħt il-kodiċi B1120.

B – Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament Nru°1013/2006

14. Skont il-premessa 1, ir-Regolament Nru 1013/2006 għandu bħala għan u element prinċipali u predominanti l-protezzjoni tal-ambjent.

15. Għal din ir-raġuni, dan ir-regolament jistabbilixxi l-proċeduri u s-sistemi ta' kontroll applikabbli għall-vjeġġ ta' skart, b'mod partikolari, skont l-oriġini, id-destinazzjoni u l-itinerarju ta' vjeġġ, kif ukoll skont it-tip ta' skart ittrasferit[6]. Is-sistema ffissata hija maħsuba wkoll sabiex jiġu implementati l-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Basel[7] u sabiex jiġu integrati d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni għal Koperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku (OECD) C(2001) 107 finali li tikkonċerna r-reviżjoni tad-Deċiżjoni C(92) 39 finali dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali ta' skart destinat għal operazzjonijiet ta' rkupru[8].

16. B'mod iktar preċiż, ir-Regolament Nru 1013/2006 japplika għall-movimenti transkonfinali ta' skart bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA), bejn l-Unjoni u l-Istat Membri tal-OECD, kif ukoll bejn l-Unjoni u l-Istati terzi partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel. Għal kull wieħed minn dawn it-tipi ta' vjeġġi, huwa jipprovdi proċedura speċifika ta' sorveljanza u ta' kontroll.

17. Barra minn hekk, dan ir-regolament jistabbilixxi tliet listi ta' skart imqassma skont il-perikolożità tiegħu u, konsegwentement, skont il-proċedura ta' kontroll li tikkonċernahom li għandha tiġi segwita. Għaldaqstant, l-Anness III tal-imsemmi regolament jistabbilixxi l-lista ħadra ta' skart. Dan l-iskart huwa suġġett, bħala prinċipju, biss għar-rekwiżiti ġenerali fil-qasam ta' informazzjoni. L-iskart suġġett għal proċedura ta' notifika u ta' kunsens minn qabel bil-miktub jidher fl-Anness IV tar-Regolament Nru 1013/2006, msejħa l-lista oranġjo ta' skart. Fl-aħħar, l-iskart elenkat fl-Anness V ta' dan ir-regolament huwa l-iskart suġġett għal projbizzjoni ta' esportazzjoni.

18. Meta jkun hemm vjeġġ ta' skart ġewwa l-Unjoni, li jgħaddi jew li ma jgħaddix minn Stati terzi, l-Artikolu 18 tal-imsemmi regolament jipprovdi li l-iskart li jidher fuq il-lista ħadra għandu jkun akkumpanjat minn diversi dokumenti, bħall-isem tal-persuna li torganizza l-vjeġġ, il-kwantità attwali ta' skart ittrasferit jew ukoll id-dettalji tal-impjant ta' rkupru, kif ukoll il-kuntratt ta' vjeġġ bejn il-persuna li torganizza dan it-trasferiment u d-destinatarju.

6 Ara l-Artikolu 1(1), tal-imsemmi regolament.

7 Ara l-premessa 3 tar-Regolament Nru1013/2006.

8 Iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-OECD"

19. L-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1013/2006 jipprovdi, fir-rigward tiegħu, proċedura speċjali ta' esportazzjoni lejn l-Istati tal-EFTA partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel. Skont din il-proċedura, il-vjeġġ ta' skart li għalih tapplika din id-dispożizzjoni huwa suġġett għal proċedura ta' notifika u ta' kunsens minn qabel bil-miktub bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-kunsinna u dawk tal-Istat ta' destinazzjoni.

20. F'dak li jirrigwarda l-esportazzjonijiet ta' skart għal Stati fejn id-deċiżjoni tal-OECD ma tapplikax, fosthom ir-Repubblika Libaniża, l-Artikolu 36(1)(a)(f), tar-Regolament Nru 1013/2006 jipprovdi, rispettivament, li huma pprojbiti l-esportazzjonijiet tal-Unjoni ta' skart perikoluż li jidher fl-Anness V ta' dan ir-regolament għall-irkupru f'dawn l-Istati kif ukoll l-esportazzjonijiet ta' skart li l-importazzjoni tagħhom ġiet ipprojbita mill-Istat ta' destinazzjoni.

21. Fir-rigward tal-iskart elenkat, b'mod partikolari, fl-Anness III tal-imsemmi regolament li juri mill-ġdid il-lista stabbilita fl-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basel u li minnha jagħmlu parti l-katalizzaturi użati, dan huwa suġġett għal proċedura speċjali ta' esportazzjoni lejn l-Istati fejn id-deċiżjoni tal-OECD ma tapplikax meta l-esportazzjoni tagħhom ma hijiex ipprojbita diġà skont l-Artikolu 36 tar-Regolament Nru 1013/2006.

22. Fil-fatt, l-Artikolu 37(1), ta' dan ir-regolament jipprovdi, inizjalment, li l-Kummissjoni tibgħat fl-għoxrin jum wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament, talba bil-miktub għal kull Stat fejn id-deċiżjoni tal-OECD ma tapplikax sabiex minn naħa, tinkiseb il-konferma bil-miktub li l-iskart jista' jiġi esportat mill-Unjoni għall-finijiet tal-irkupru tiegħu f'dan l-Istat u, min-naħa l-oħra, tinkiseb indikazzjoni tal-proċedura ta' kontroll eventwali fejn l-iskart ikun suġġett fl-Istat ta' destinazzjoni.

23. Il-leġiżlatur tal-Unjoni indika li kull Stat fejn id-deċiżjoni tal-OECD ma tapplikax ikollu l-għażla fost it-tliet alternattivi li ġejjin:

– projbizzjoni ta' importazzjoni;

– proċedura ta' notifika u ta' kunsens minn qabel bil-miktub kif deskritt fl-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1013/2006, jew

– ebda kontroll fl-Istat ta' destinazzjoni [9].

24. Sussegwentement, il-Kummissjoni għandha tadotta regolament li jintegra r-risposti kollha riċevuti [10]. Fil-każ fejn Stat ma jibgħatx il-konferma msemmija fl-Artikolu 37(1), tar-Regolament Nru 1013/2006 jew jekk, għal raġuni kwalunkwe, Stat ma jkunx ġie kkuntattjat, awtomatikament, l-iskart jista' jiġi esportat bil-kundizzjoni li jkun hemm proċedura ta' notifika u ta' kunsens minn qabel bil-miktub skont l-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament [11].

2. Ir-Regolament Nru 1418/2007

25. Wara r-risposti pprovduti mill-Istati li għalihom id-deċiżjoni tal-OECD ma tapplikax, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 37(1), tar-Regolament Nru 1013/2006, adottat ir-Regolament Nru 1418/2007. Kif rajna qabel, dan l-aħħar regolament huwa intiż sabiex jistabbilixxi proċeduri ta' kontroll dwar l-esportazzjoni ta' skart għall-irkupru f'dawn l-Istati u li l-esportazzjoni tiegħu ma kinitx ipprojbita skont l-Artikolu 36 tar-Regolament Nru 1013/2006 [12].

9 Ara t-tieni subparagrafu, punti (a) sa (ċ) tal-Artikolu 37(1) ta' dan ir-regolament.

10 Ara l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 37(2) ta' dan ir-regolament.

11 Ara l-Artikolu 37(2), it-tieni paragrafu, ta' dan ir-regolament.

12 Ara l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1418/2007 kif ukoll il-premessi 1 u 3 tiegħu.

26. Peress li xi wħud mill-imsemmija Stati kienu indikaw fir-risposta tagħhom li kienu qed jippjanaw li japplikaw, skont id-dritt nazzjonali tagħhom, proċeduri ta' kontroll differenti minn dawk previsti fl-Artikolu 37(1), tar-Regolament Nru 1013/2006 [13], il-Kummissjoni żiedet għażla addizzjonali ma' dawk diġà elenkati f'din id-dispożizzjoni.

27. Għaldaqstant, l-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007 jipprovdi li l-Istati li lilhom id-deċiżjoni tal-OECD ma tapplikax jistgħu jagħżlu, fir-rigward tal-iskart imsemmi fl-Annessi III u IIIA tar-Regolament Nru 1013/2006 bejn:

– projbizzjoni;

– proċedura ta' notifika u ta' kunsens minn qabel bil-miktub kif deskritt fl-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1013/2006;

– l-ebda kontroll fl-Istat tad-destinazzjoni, jew

– proċeduri ta' kontroll oħra implementati skont id-dritt nazzjonali fl-Istat ta' destinazzjoni.

28. Barra minn hekk, l-Artikolu 1a tar-Regolament Nru 1418/2007 jindika li, meta Stat, fir-risposta tiegħu għal domanda bil-miktub mibgħuta mill-Kummissjoni skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament Nru 1013/2006, jippreċiża li ma huwiex ser jipprojbixxi l-vjeġġi ta' ċertu skart, kif ukoll li ma huwiex ser japplika l-proċedura ta' notifika u ta' kunsens minn qabel bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 35 ta' dan ir-regolament, l-Artikolu 18 tal-imsemmi regolament japplika *mutatis mutandis* għal dan il-vjeġġ.

C – Id-dritt nazzjonali

29. L-Artikolu 326(2), tal-Kodiċi Kriminali (Strafgesetzbuch) jipprovdi piena ta' ħabs li tista' tammonta għal ħames snin jew multa għall-persuni li jitrasferixxu skart, skont l-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni [14], bi ksur ta' projbizzjoni jew mingħajr l-awtorizzazzjoni neċessarja, fi jew minn ġewwa t-territorju ta' implementazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni jew barra minnu.

30. Skont il-punt 1 tal-Artikolu 326(5), ta' dan il-kodiċi, jekk min iwettaq l-att ikun aġixxa b'negliġenza, huwa jista' jeħel piena ta' ħabs li tista' tammonta għal tliet snin jew multa.

31. Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-multi fil-qasam tal-vjeġġ ta' skart (Abfallverbringungsbußgeldverordnung), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fit-18 ta' Novembru 2009, jipprovdi li persuna li tikser ir-Regolament Nru 1418/2007 billi tesporta skart li l-esportazzjoni tiegħu hija pprojbita skont l-Anness ta' dan ir-regolament, intenzjonalment jew b'negliġenza, tikkommetti reat.

II – Il-kawża prinċipali

32. QB, ta' nazzjonalità Ġermaniża, tiġġestixxi ALU-KAT GmbH, li s-sede tagħha tinsab fi Bruchsal (il-Ġermanja). Din il-kumpannija għandha bħala attività, b'mod partikolari, l-irkupru u l-eliminazzjoni ta' skart tal-metall, bħall-katalizzaturi tal-karozzi.

13 Ara l-premessa 6 tar-Regolament Nru 1418/2007.

14 Dan jirrigwarda, pereżempju, skart li għandu jew li jista jipproduċi velenu jew aġenti ta' mard perikoluż li jittieħed mill-bniedem jew mill-annimal jew ukoll li, minħabba n-natura tagħhom, il-proprjetajiet jew il-kwantità tagħhom, huma suxxettibbli li jniġġżu fit-tul l-ilma, l-arja jew il-ħamrija jew li jibdlulhom b'mod ieħor il-proprjetajiet jew li jipperikolaw il-popolazzjoni tal-annimali jew tal-pjanti (ara l-Artikolu 326(1), punti 1 u 4 (a) u (b), tal-Kodiċi Kriminali).

33. Għall-ħabta tal-25 ta' Mejju 2009, QB bagħtet 3 794 katalizzaturi użati ta' karozzi Rotterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi). Dawn il-katalizzaturi kellhom, sussegwentement, jiġu ttrasferiti bħala skart ġewwa kontenituri lil AWADA Company for General Trading, li tinstab fil-Libanu, bil-għan li jiġu rkuprati jew eliminati. Dawn il-katalizzaturi ġew interċettati mid-dwana Olandiża.

34. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li QB kienet taf li l-katalizzaturi kellhom il-kodiċi B1120 tal-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basel u li jidhru taħt il-kolonna (a) tal-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007 u li, għaldaqstant, il-vjeġġ tagħhom għal-Libanu kien ipprojbit.

35. Is-Staatsanwaltschaft Karlsruhe (il-prosekuzzjoni ta' Karlsruhe) tikkritika lil Ö. Garnefeld li wettqet ksur tal-Artikoli 326(2), tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 2(1), tar-Regolament dwar il-multi fil-qasam tal-vjeġġ ta' skart billi bagħtet il-katalizzaturi tal-karozzi lejn Rotterdam bil-għan li tesportahom lejn il-Libanu.

36. Il-qorti tar-rinviju tinnota li l-iskart li jappartjenti għall-grupp B1120 jidher mhux biss fil-kolonna (a) tal-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007, iżda jidher ukoll fil-kolonna (d) tal-Anness, li jipprovdi li proċeduri ta' kontroll oħra għandhom jiġu implementati skont id-dritt nazzjonali fl-Istat ta' destinazzjoni.

37. Għalhekk, peress li l-Amtsgericht Bruchsal kellha xi dubji dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata fir-rigward tal-Artikolu 37 tar-Regolament Nru 1013/2006, moqri flimkien mal-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007, hija ddeċidiet li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

38. "Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 tar-Regolament […] Nru 1013/2006 […] moqri flimkien mar-Regolament […] Nru 1418/2007, […], għandhom jiġu interpretati fis-sens li teżisti projbizzjoni ta' trasferiment [vjeġġ], lejn il-Libanu, ta' skart mill-grupp ta' skart B1120 tal-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basel […]?

III – L-analiżi tiegħi

39. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar jekk l-Artikolu 37 tar-Regolament Nru 1013/2006, moqri flimkien mal-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-iskart klassifikat fil-kategorija B1120 għandux ikun soġġett għal projbizzjoni ta' esportazzjoni lejn il-Libanu.

40. Id-diffikultà li sabet il-qorti tar-rinviju tirrigwarda l-fatt li, fl-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007, il-katalizzaturi, li jappartjenu għall-grupp B1120, huma kklassifikati kemm fil-kolonna (a) kif ukoll fil-kolonna (d) ta' dan l-anness.

41. Issa, il-klassifikazzjoni fil-kolonna (a) tal-imsemmi anness ifisser li l-iskart imsemmi huwa soġġett għal projbizzjoni ta' esportazzjoni, filwaqt li l-klassifikazzjoni fil-kolonna (d) ta' dan l-istess anness ifisser li l-Istat ta' destinazzjoni tal-vjeġġ tal-iskart jistabbilixxi proċedura speċjali ta' kontroll.

42. L-isfida hija importanti għal QB, peress li, għalkemm ma teżistix projbizzjoni ta' vjeġġ tal-iskart tal-grupp B1120 lejn il-Libanu, l-elementi li jikkostitwixxu l-ksur punibbli mid-dritt kriminali Ġermaniż ma humiex sodisfatti.

43. Fl-analiżi li ġejja, ser nispjega r-raġunijiet għalfejn naħseb li l-iskart li jappartjeni għall-grupp B1120 huwa suġġett għal projbizzjoni ta' esportazzjoni lejn il-Libanu.

44. Il-klassifikazzjoni doppja tal-iskart fil-kolonni (a) u (d) tal-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007, li tidher xi ftit kontradittorja, tispjega ruħha mill-fatt li, meta l-Kummissjoni talbet lill-Istati li għalihom id-deċiżjoni tal-OECD ma tapplikax sabiex jiddeterminaw liema kienu l-intenzjonijiet tagħhom għall-klassifikazzjoni tal-iskart, xi wħud minn dawn l-Istati indikaw li kienu qed jippjanaw li japplikaw, skont id-dritt nazzjonali tagħhom, proċeduri ta' kontroll differenti minn dawk previsti fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament Nru 1013/2006 [15].

45. Infakkar li, skont din id-dispożizzjoni, l-imsemmija Stati għandhom l-għażla, bħala prinċipju, fost tliet alternattivi possibbli fir-rigward tal-vjeġġ ta' skart, jiġifieri projbizzjoni pura u sempliċi ta' vjeġġ, proċedura ta' notifika u ta' kunsens minn qabel bil-miktub jew l-ebda kontroll.

46. Fir-rigward tal-Libanu, mill-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissjoni jirriżulta li l-Ministeru tal-Ambjent Libaniż, permezz ta' ittra tat-23 ta' Ġunju 2007, bagħat il-kwestjonarju kkompletat billi mmarka, għall-iskart tal-grupp B1120, il-kolonna 1 ta' dan il-kwestjonarju li jikkorrispondi għall-kolonna (a) tal-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007, jiġifieri projbizzjoni ta' esportazzjoni [16].

47. Barra minn hekk, il-Ministeru tal-Ambjent Libaniż ippreċiża, f'din l-ittra, li l-lista pprovduta mill-awtoritajiet Libaniżi kompetenti għandha biss natura ta' spjegazzjoni, peress li l-klassifikazzjoni tal-iskart fil-Libanu tista' tvarja minn dik stabbilita mill-Kummissjoni [17].

48. Hija din l-ittra li mmotivat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li żżid ukoll l-iskart tal-grupp B1120 ukoll fil-kolonna (d) tar-Regolament Nru 1418/2007 fir-rigward tal-Libanu [18].

49. Għalhekk, din iż-żieda tfisser li dan l-iskart jista' jiġi esportat mill-Unjoni lejn il-Libanu?

50. Il-Kummissjoni tqis li, mill-mument fejn l-imsemmi skart jidher fil-kolonna (a) tal-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007, l-esportazzjoni tiegħu lejn il-Libanu għandu jkun ipprojbit, fejn ir-riferiment fil-kolonna (d) ta' dan l-istess anness huwa mingħajr effett għal din il-konklużjoni.

51. Jien naqbel ma' din l-opinjoni u dan għar-raġunjiet li ġejjin.

52. Ġie kkonstatat li r-Regolament Nru 1013/2006 għandu bħala għan ewlieni l-protezzjoni tal-ambjent. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fis-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009 Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill [19], li dan ir-regolament huwa intiż prinċipalment, kemm permezz tal-għan tiegħu kif ukoll permezz tal-kontenut tiegħu, għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kontra l-effetti potenzjalment dannużi tal-vjeġġi transkonfinali ta' skart [20]. Għal din ir-raġuni, u skont l-obbligi li għandhom l-Istati Membri taħt il-Konvenzjoni ta' Basel, il-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa sistema ta' kontroll u ta' sorveljanza ta' vjeġġi ta' skart ġewwa l-Unjoni u fil-każ ta' vjeġġi minn u lejn l-Istati terzi.

15 Ara l-premessa 6 tar-Regolament Nru 1418/2007

16 Ara l-punti 4 u 5 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni. Ara, wkoll, l-ittra tal-Ministeru tal-Ambjent Libaniż fuq is-sit internet http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2007/july/tradoc_135243.pdf.

17 Ara l-punt 6 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni. Ara, ukoll, l-ittra ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16 li tgħid:
[…] due to the fact that […] Questionnaire [relating to Regulation (EC) N. 1013/2006] adopted a codification for waste that differs from adopted Lebanese National codification, the information contained in this questionnaire is provided for reference only. [The Ministry of Environment] does not assume any responsibility whatsoever in connection with or resulting from any error or omission in connection with or resulting from the gathering of data, findings and interpretation or use thereof by the European Commission or any third party."

18 Ara l-punt 14 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

19 C-411/06, Ġabra. p. I-7585.

20 Punt 62.

53. Għaldaqstant, infakkar li, għall-vjeġġi ta' skart ġewwa l-Unjoni, li jgħaddi jew li ma jgħaddix minn Stati terzi, u għall-vjeġġi mill-Unjoni lejn l-Istati tal-EFTA, it-Titolu II tar-Regolament Nru 1013/2006 jikkostitwixxi l-bażi komuni applikabbli [21]. Fiż-żewġ każijiet, il-persuna li tittrasferixxi l-iskart għandha, minn qabel, tinnotifika dan il-vjeġġ u tikseb il-kunsens tal-awtoritajiet kompetenti tad-destinazzjoni [22].

54. F'dak li jirrigwarda l-vjeġġi ta' skart lejn l-Istati fejn id-deċiżjoni tal-OECD ma tapplikax, teżisti sistema partikolari. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni pprovda proċedura ta' konsultazzjoni ta' dawn l-Istati sabiex jiġi ddeterminat liema huma l-intenzjonijiet tagħhom dwar il-vjeġġi ta' skart li jidhru fl-Anness III tar-Regolament Nru 1013/2006 [23], li minnu l-katalizzaturi jagħmlu parti.

55. L-imsemmija Stati jistgħu, b'mod partikolari, jiddeċiedu projbizzjoni pura u sempliċi ta' esportazzjoni ta' ċertu skart. Din il-possibiltà li hija magħrufa lilhom, fil-fehma tiegħi, hija r-riflessjoni tad-dritt sovran tagħhom li jipprojbixxu d-dħul jew l-eliminazzjoni, fuq it-territorju tagħhom, ta' skart perikoluż u ta' skart ieħor ta' oriġini barranija [24].

56. Il-Ministeru tal-Ambjent Libaniż esprima b'mod ċar dan id-dritt billi indika, fil-kwestjonarju mibgħut lill-Kummissjoni, li l-esportazzjoni, fuq territorju Libaniż, ta' skart li jaqa' taħt il-grupp B1120 huwa pprojbit [25].

57. Fil-fehma tiegħi, mill-mument fejn ir-Repubblika Libaniża għamlet il-parti tagħha li tipprojbixxi l-importazzjonijiet, fuq it-territorju tagħha, ta' dan l-iskart, l-Unjoni għandha l-obbligu li tirrispetta din ir-rieda u ma tistax tipprovdi proċeduri oħra.

58. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 37(3), tar-Regolament Nru 1013/2006 u l-Artikolu 1a tar-Regolament Nru 1418/2007 jsemmu li, sakemm Stat, fir-risposta tiegħu għal domanda bil-miktub mibgħuta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 37(1), tar-Regolament Nru 1013/2006, jindika li ma huwiex ser jagħżel li jipprojbixxi ċerti vjeġġi ta' skart kif ukoll li ma huwiex ser jagħżel li jimplementa l-proċedura ta' notifika u ta' kunsens minn qabel bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 35 ta' dan ir-regolament, l-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament japplika *mutatis mutandis* għal dawn il-vjeġġi. Bl-istess mod, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 37(2) tar-Regolament Nru 1013/2006, jekk Stat ma jkunx wera l-intenzjoni tiegħu fir-rigward tal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-vjeġġi ta' skart għad-destinazzjoni tat-territorju tiegħu, għandha tapplika l-proċedura ta' notifika u ta' kunsens minn qabel bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 35 ta' dan ir-regolament [26].

59. Dan juri sew li huwa biss meta l-Istat ta' destinazzjoni jkun għażel li ma jsir ebda kontroll tal-vjeġġi ta' skart jew ma jkunx wera l-intenzjonijiet tiegħu li l-Unjoni għandha l-possibbiltà li timplementa l-proċedura msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1013/2006 jew dik imsemmija fl-Artikolu 35 tiegħu.

60. Dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża, peress li r-Repubblika Libaniża wriet fiċ-ċar ir-rieda tagħha li tipprojbixxi l-importazzjoni, fuq it-territorju tiegħu, ta' skart li jappartjeni għall-grupp B1120.

61. Iż-żieda tal-kolonna (d) fl-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007 ma jistax ikollha bħala effet li tmur kontra din ir-rieda.

21 Ara l-Artikoli 3 u 35(1), ta' dan ir-regolament.

22 Ara l-Artikolu 9(1), tal-imsemmi regolament.

23 Ara l-Artikolu 37 ta' dan ir-regolament u l-paragrafu 5 tal-punt 4.2.6, tal-memorandum ta' spjegazzjoni għall-proposta tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2003 dwar vjeġġi ta' skart [COM(2003) 379 finali].

24 Ara s-sitt premessa tal-Konvenzjoni ta' Basel u l-premessa 9 tar-Regolament Nru 1013/2006.

25 Ara l-ittra ċċitata u n-nota ta' qiegħ il-paġna 16.

26 Ara, wkoll, il-premessa 5 tar-Regolament Nru 1418/2007.

62. Kif ġie kkonstatat, huwa spjegat fil-premessa 6 ta' dan ir-regolament li din iż-żieda hija l-konsegwenza tar-risposta mogħtija minn ċerti Stati, fejn indikaw li kellhom l-intenzjoni li jimplementaw, skont id-dritt nazzjonali tagħhom, il-proċeduri ta' kontrolli differenti minn dawk ipprovduti mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

63. Barra minn hekk, fl-osservazzjonijiet li ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tispjega li l-kolonna (d) ta' dan l-anness kienet ġiet miżjuda peress li l-Unjoni ma tistax timponi lil Stat terz, bħar-Repubblika Libaniża, sabiex jagħmel kontrolli għall-importazzjoni jew ukoll li jiddeċiedi kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn il-kontrolli fejn jeżistu [27]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tindika li, filwaqt li l-Ministeru tal-Ambjent Libaniż ippreċiża fir-risposta tiegħu li l-klassifikazzjoni tal-iskart ikkunsidrata minnu setgħet tvarja meta mqabbla ma' dik ikkunsidrata mil-leġiżlatur tal-Unjoni, hija xtaqet tiġbed l-attenzjoni tal-impriżi stabbiliti fi ħdan l-Unjoni fuq il-fatt li huwa possibbli li l-importazzjoni ta' ċertu skart ikun irrifjutat mill-awtoritajiet Libaniżi kompetenti anki jekk il-klassifikazzjoni sostnuta mil-leġiżlatur tal-Unjoni kienet tawtorizza din l-importazzjoni [28].

64. Konsegwentement, meta Stat terz, bħar-Repubblika Libaniża, ikun indika fiċ-ċar li jipprojbixxi l-importazzjoni, fuq it-territorju tiegħu, ta' skart li jappartjenti għall-grupp B1120, il-klassifikazzjoni simultanja ta' dan l-iskart fil-kolonna (d) tal-Anness tar-Regolament Nru1418/2007 għandu biss l-għan li javża lill-persuni kkonċernati fuq il-fatt li dan l-Istat iżomm id-dritt sovran li jistabbilixxi proċeduri ta' kontroll u ta' sorveljanza ta' vjeġġi ta' skart differenti minn dawk ipprovduti mil-leġiżlatur tal-Unjoni kif ukoll dak li jirrifjuta l-importazzjoni ta' ċertu skart fuq il-bażi ta' klassifikazzjoni differenti minn dik ikkunsidrata mid-dritt tal-Unjoni.

65. Mill-bqija, ninnota li, fir-rigward tal-Libanu, l-iskart kollu li jidher fl-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007 huwa s-suġġett ta' klassifikazzjoni fil-kolonna (d) minbarra f'waħda mill-kolonni (a) u (b). Dan juri biżżejjed, fil-fehma tiegħi, li l-appartenenza mal-kolonna (d) ma għandhiex bħala effet li tissuġġetta l-iskart inkwistjoni għal proċedura li ma hijiex dik magħżula liberament mir-Repubblika Libaniża. Inkella, din mhux biss tagħmel il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 37 tar-Regolament Nru 1013/2006 totalment nieqsa minn utilità, iżda wkoll u speċjalment tinjora d-dritt sovran tal-Istati terzi li jiddeċiedu proċeduri applikabbli għall-vjeġġi ta' skart fid-destinazzjoni tat-territorju tagħhom.

66. Fi kwalunkwe każ, fl-ipoteżi fejn, minħabba l-klassifikazzjoni doppja fil-kolonni (a) u (d) tal-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007 tal-iskart li jappartjeni għall-grupp B1120, jibqa' dubju fir-rigward tal-proċedura li għandha tiġi segwita fir-rigward tal-vjeġġi lejn il-Libanu, ta' dan l-iskart, jien tal-fehma li l-għan tar-Regolament Nru 1013/2006 jirrikjedi li ssir għażla tal-aħjar soluzzjoni li tkun iktar adatta sabiex jiġu protetti s-saħħa u l-ambjent.

F'dan ir-rigward, infakkar li dan ir-regolament huwa intiż prinċipalment, kemm permezz tal-għan tiegħu kif ukoll permezz tal-kontenut tiegħu, għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kontra l-effetti potenzjalment dannużi tal-vjeġġi transkonfinali ta' skart [29].Dan japplika kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-Istati terzi li lejhom jiġi esportat dan l-iskart [30].

27 Ara l-punt 16.

28 *Idem.*

29 Sentenza Il-Kummissjoni vs il-Parlament u Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punt 62).

30 Ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Omni Metal Service (C-259/05, Ġabra p. I-4945, punt 30).

67. F'dan is-sens, l-Istati partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel, konxji, b'mod partikolari, mid-danni li l-movimenti transkonfinali ta' skart perikoluż u ta' skart ieħor jista' jikkawża lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent, iqisu li dan l-iskart għandu, sa fejn huwa kompatibbli ma' ġestjoni ekoloġikament razzjonali u effikaċi, jiġi eliminat fl-Istat fejn ġie prodott [31]. Bl-istess mod, il-kontroll ikbar ta' movimenti transkonfinali għandu jkollu l-konsegwenza li jnaqqas il-volum [32].

68. Il-limitazzjoni tal-vjeġġi ta' skart jidher għalhekk li huwa għan li għandu jintlaħaq għar-raġunijiet ta' protezzjoni aqwa tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Il-leġiżlatur tal-Unjoni fformula mill-ġdid huwa stess din ir-rieda fil-premessa 8 tar-Regolament Nru 1013/2006.

69. Għalhekk, inqis li, meta teżisti inċertezza dwar it-trattament ta' skart minħabba l-fatt, bħal fil-kawża prinċipali, tal-klassifikazzjoni doppja tiegħu fil-kolonni (a) u (d) tal-Anness tar-Regolament 1418/2007, għandha tintgħażel is-soluzzjoni l-iktar stretta, li tippermetti li jiġu llimitati l-vjeġġi ta' skart, jiġifieri l-projbizzjoni ta' esportazzjoni. Din is-soluzzjoni hija l-iktar waħda kapaċi li tilħaq l-għan tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent li jimmira li jikseb ir-Regolament Nru 1013/2006 Din is-soluzzjoni hija l-iktar waħda kapaċi li tilħaq l-għan tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent li jimmira li jikseb ir-Regolament Nru 1013/2006

70. Konsegwentement, fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, jien tal-fehma li l-Artikolu 37 tar-Regolament Nru 1013/2006, moqri flimkien mal-Anness tar-Regolament Nru 1418/2007, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-iskart ikklassifikat fil-kategorija B1120 huwa suġġett għal projbizzjoni ta' esportazzjoni lejn il-Libanu.

71. Fl-aħħar nett, u sabiex jiġu ċċarati l-kwistjonijiet kollha diskussi waqt is-seduta, il-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet eżaminati preċedentement huma jew ma humiex ċari biżżejjed sabiex jikkostitwixxu l-elementi ta' kwalifika kriminali nazzjonali skont il-prinċipju ta' *nullum crimen sine lege* tirriżulta, f'dan il-każ, biss mis-sempliċi evalwazzjoni tal-qorti tar-rinviju.

72. Għaldaqstant inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti sabiex tirrispondi għal din id-domanda.

IV – Konklużjoni

73. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej lill-Amtsgericht Bruchsal:

"L-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 2006, dwar vj[a]ġġi ta' skart, kif emendat bir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 308/2009, tal-15 ta' April 2009, moqri flimkien mal-Anness tar-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 1418/2007, tad-29 ta' Novembru 2007, li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti intrakonfinali tal-iskart ma tapplikax, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-iskart ikklassifikat fil-kategorija B1120 huwa suġġett għal projbizzjoni ta' esportazzjoni lejn il-Libanu".

i — L-isem li jinsab fl-okkju u fil-punti 32, 33, 34, 35 u 41 ġie ssostitwit permezz ta' ittri wara li saret talba għal anonimizzazzjoni.

31 Ara l-ewwel u t-tmien premessa tal-Konvenzjoni ta' Basel.

32 Ara l-għaxar premessa ta' din il-konvenzjoni.